DIGRIET TAL-PRESIDENT TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA

25 ta' Ottubru 2017 *

"Appell – Intervent – Kunfidenzjalità"

Fil-Kawża C-588/16 P,

li għandha bħala suġġett appell skont l-Artikolu 56 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, imressaq fit-18 ta' Novembru 2016,

**Generics (UK) Ltd**, stabbilita f'Potters Bar (ir-Renju Unit), irrappreżentata minn I. Vandenborre, advocaat u T. Goetz, Rechtsanwalt,

rikorrenti,

il-parti l-oħra fil-kawża li hija:

**Il-Kummissjoni Ewropea**, irrappreżentata minn F. Castilla Contreras u T. Vecchi kif ukoll minn B. Mongin u C. Vollrath, bħala aġenti, assistiti minn S. Kingston, barrister

konvenuta fl-ewwel istanza,

IL-PRESIDENT TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA,

Wara li ra l-proposta tal-Imħallef Relatur, D. Šváby,

Wara li sema' lill-Avukat Ġenerali, J. Kokott,

jagħti l-preżenti

**Digriet**

1 Permezz tal-appell tagħha, Generics (UK) Ltd (iktar 'il quddiem "Generics") titlob l-annullament tas-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tat-8 ta' Settembru 2016, Generics (UK) vs Il-Kummissjoni (T-469/13, mhux ippubblikata, EU:T:2016:454), li biha din ċaħdet ir-rikors tagħha intiż għall-annullament parzjali tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2013) 3803 finali, tad-19 ta' Ġunju 2013, dwar proċedura għall-applikazzjoni tal-Artikolu 101 [TFUE] u tal-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE (Każ AT/39226 – Lundbeck) (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni kkontestata") u t-talba tagħha għal tnaqqis tal-ammont tal-multa imposta minn din id-deċiżjoni.

2 B'att ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja fit-28 ta' Lulju 2017, ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq talab biex jintervjeni fil-Kawża C-588/16 P insostenn tat-talbiet tal-Kummissjoni Ewropea.

* Lingwa tal-kawża: l-Ingliż.

3 Wara n-notifika lill-partijiet mir-Reġistratur tal-Qorti tal-Ġustizzja, konformement mal-Artikolu 131(1) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, applikabbli għall-proċedura tal-appell abbażi tal-Artikolu 190(1) tiegħu, tat-talba għal intervent ippreżentata mir-Renju Unit, Generics ippreżentat l-osservazzjonijiet tagħha f'dan ir-rigward.

4 B'hekk, b'atti ppreżentati quddiem ir-Reġistratur tal-Qorti tal-Ġustizzja fit-18 ta' Awwissu u fil-21 ta' Awwissu 2017, Generics osservat, qabel kollox, li t-talba għal intervent tar-Renju Unit kellha tiġi miċħuda minħabba li din ma kinitx tissodisfa l-kundizzjonijiet meħtieġa mill-Artikolu 130(2) tar-Regoli tal-Proċedura, applikabbli għall-proċedura tal-appell abbażi tal-Artikolu 190(1) tiegħu. Fil-fatt, din ma fiha la l-indikazzjoni tal-kawża li tirrigwarda u lanqas it-talbiet li insostenn tagħhom l-intervenjent jitlob li jintervjeni, liema ħaġa hija partikolarment preġudikabbli għal Generics minħabba n-natura tardiva ta' din it-talba. Sussegwentement, din indikat li, fid-dawl tat-talba għal intervent tar-Renju Unit ippreżentata fl-10 ta' Marzu 2017 fil-Kawża magħquda C-591/16 P Lundbeck vs Il-Kummissjoni, din qieset li t-talba għal intervent f'din il-kawża kienet nieqsa minn interess, b'mod partikolari kieku l-Qorti tal-Ġustizzja kellha tiddeċiedi li ma torganizzax seduta. Din sostniet ukoll li, fil-każ li tiġi organizzata seduta għas-sottomissjonijiet, id-drittijiet tad-difiża tagħha jkunu affettwati mill-intervent tar-Renju Unit. Finalment, Generics osservat li din it-talba għal intervent kienet intiża biex tippermetti lil dan l-Istat Membru jaċċedi għal informazzjoni li tinsab b'mod partikolari fil-fajl amministrattiv tal-Kummissjoni, għall-finijiet tal-preżentata ta' kawżi għad-danni kontra Generics quddiem il-qrati Britanniċi fuq l-inizjattiva tan-National Health Service (servizz nazzjonali tas-saħħa, ir-Renju Unit) u tas-Secretary of State for Health (ministru tas-saħħa, ir-Renju Unit).

5 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat, l-ewwel nett, li, b'applikazzjoni tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 40 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, l-Istati Membri jistgħu jintervjenu fit-tilwim quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja mingħajr il-bżonn li jiġġustifikaw interess għas-soluzzjoni tat-tilwima ppreżentata quddiemha.

6 Għaldaqstant, l-allegazzjonijiet ta' Generics fir-rigward tan-nuqqas ta' interess tar-Renju Unit li jippreżenta talba għal intervent f'din il-kawża u fir-rigward tal-għanijiet ta' din it-talba huma irrilevanti.

7 It-tieni nett, għandu jiġi kkonstatat li t-talba għal intervent ippreżentata mir-Renju Unit fir-Reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja fit-28 ta' Lulju 2017, tissodisfa r-rekwiżiti proċedurali stabbiliti fl-Artikolu 130(2) tar-Regoli tal-Proċedura, applikabbli għall-proċedura tal-appell skont l-Artikolu 190(1) tagħhom. B'mod partikolari u kuntrarjament għal dak li ssostni Generics, din fiha l-indikazzjoni tal-kawża li tirrigwarda kif ukoll it-talbiet li insostenn tagħhom ir-Renju Unit qiegħed jitlob li jintervjeni, jiġifieri dawk tal-Kummissjoni.

8 It-tielet nett, l-allegazzjoni ta' Generics fir-rigward tal-ksur tad-drittijiet tad-difiża tagħha minħabba l-intervent eventwali tar-Renju Unit ma tistax, f'kull każ, tirnexxi fin-nuqqas ta' kull prova invokata insostenn tagħha.

9 Għalhekk, konformement mal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 40 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u mal-Artikolu 131(2) tar-Regoli tal-Proċedura, applikabbli għall-proċedura tal-appell abbażi tal-Artikolu 190(1) tagħhom, l-intervent tar-Renju Unit għandu jiġi awtorizzat.

10 Madankollu, fid-dawl tal-fatt li t-talba għal intervent tar-Renju Unit ġiet ippreżentata wara l-iskadenza tat-terminu msemmi fl-Artikolu 190(2) tar-Regoli tal-Proċedura, applikabbli għall-appelli, u qabel id-deċiżjoni li tinfetaħ il-fażi orali tal-proċedura, dan l-Istat Membru għandu, konformement mal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 40 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u mal-Artikolu 129(4) tar-Regoli tal-Proċedura, applikabbli għall-proċedura tal-appell abbażi tal-Artikolu 190(1) tagħhom, jiġi awtorizzat jippreżenta l-osservazzjonijiet tiegħu biss matul is-seduta ta' sottomissjonijiet, jekk din isseħħ.

11 Fl-ipoteżi fejn il-Qorti tal-Ġustizzja tilqa' t-talba għal intervent tar-Renju Unit, Generics talbet ukoll lill-Qorti tal-Ġustizzja biex tirriżerva, fir-rigward ta' dan l-Istat Membru, trattament kunfidenzjali għal ċerta informazzjoni sigrieta li tikkonċernaha li tinsab fid-dokumenti segwenti:

– ir-rikors għal annullament u r-replika tagħha quddiem il-Qorti Ġenerali, li jinsabu rispettivament fl-Annessi A.3. u A.4 tar-rikors tal-appell tagħha quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja,

– l-Annessi A.1, A.5, A.27 u A.32 tar-rikors għal annullament tagħha quddiem il-Qorti Ġenerali;

– l-Annessi B.1, B.2., B.4, B.10 u B.12 tar-replika tagħha quddiem il-Qorti Ġenerali;

– l-Anness E.4 tal-osservazzjonijiet tal-Kummissjoni b'riżultat ta' miżura istruttorja tal-Qorti Ġenerali;

– ir-rikors tal-appell quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, u

– l-Annessi A.2, A.7, A.9, A.10 u A.12 tar-rikors tal-appell li fihom, rispettivament, il-verżjoni kunfidenzjali tad-deċiżjoni kkontestata (Anness A.2), ftehim ta' żvilupp u ta' provvista konkluż bejn Generics u Schweizerhall Pharma International GmbH (Anness A.7), żewġ ftehimiet ta' tranżazzjoni u ta' provvista bejn Generics u Lundbeck Ltd (Annessi A.9) u A.10) kif ukoll email dwar il-prattika awtorizzata (Anness A.12).

12 Għal dan il-għan, din bagħtet, bħala anness mal-osservazzjonijiet tagħha għat-talba għal intervent ippreżentata mir-Renju Unit, verżjonijiet mhux kunfidenzjali fir-rigward tar-Renju Unit kemm tar-rikors tal-appel tagħha kif ukoll tal-Annessi A.2, A.3, A.4, A.7, A.9, A.10 u A.12 tiegħu li fihom, rispettivament, id-deċiżjoni kkontestata (Anness A.2), tar-rikors għal annullament ippreżentat quddiem il-Qorti Ġenerali (Anness A.3), tar-replika ppreżentata quddiem il-Qorti Ġenerali (Anness A.4), tal-ftehimiet konkluż bejn Generics u Schweizerhall Pharma International kif ukoll bejn Generics u Lundbeck Ltd (Annessi A.7, A.9 u A.10) u, finalment, ta' email dwar prattika awtorizzata (Anness A.12).

13 Preliminarjament, u fir-rigward tat-talba għal trattament kunfidenzjali tal-Annessi A.1, A.5, A.27 u A.32 tar-rikors għal annullament ta' Generics quddiem il-Qorti Ġenerali, tal-Annessi B.1, B.2., B.4, B.10 u B.12 tar-replika tagħha quddiem il-Qorti Ġenerali u tal-Anness E.4 tal-osservazzjonijiet tal-Kummissjoni, iċċitati iktar 'il fuq, għandu jiġi rrilevat li dawn l-annessi ma humiex magħquda mar-rikors tal-appell f'din il-kawża. Minħabba dan, dawn ma jifformawx parti mill-atti proċedurali li jistgħu jiġu nnotifikati lill-intervenjenti b'applikazzjoni tal-Artikolu 131(4) tar-Regoli tal-Proċedura, applikabbli għall-proċedura tal-appell abbażi tal-Artikolu 190(1) tagħhom.

14 Konsegwentement, it-talba għal trattament kunfidenzjali relatata ma' dawn l-annessi hija ineffettiva.

15 Fir-rigward tat-talba għal trattament kunfidenzjali tal-Anness A.2 tar-rikors tal-appell li fih il-verżjoni kunfidenzjali tad-deċiżjoni kkontestata, għandu jitfakkar li tali trattament diġà ġie rriżervat lil din il-verżjoni tad-deċiżjoni kkontestata fir-rigward tar-Renju Unit permezz tad-Digriet tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-5 ta' Lulju 2017, Lundbeck vs Il-Kummissjoni (C-591/16 P, mhux ippubblikat, EU:C:2017:532).

16 Fir-rigward tad-digriet imsemmi, għandu jiġi deċiż li, f'dan l-istadju ta' din il-proċedura, hija biss il-verżjoni pubblika ta' din id-deċiżjoni, ippubblikata mill-Kummissjoni fid-19 ta' Jannar 2015 fuq is-sit Internet tagħha u annessa mat-talba għal trattament kunfidenzjali ta' Generics, li ser tiġi kkomunikata lir-Renju Unit, konformement mal-Artikolu 131(4) tar-Regoli tal-Proċedura, applikabbli għall-proċedura tal-appell abbażi tal-Artikolu 190(1) tagħhom.

17 Finalment, fir-rigward tat-talba għal trattament kunfidenzjali, fir-rigward tar-Renju Unit, tar-rikors tal-appell f'din il-kawża kif ukoll tal-Annessi A.3, A.4, A.7, A.9, A.10 u A.12 tiegħu, imsemmija fil-punt 11 ta' dan id-digriet, għandu jiġi kkonstatat, unikament abbażi ta' din it-talba, li t-trattament mitlub jidher ġustifikat. B'hekk, f'dan l-istadju tal-proċedura, għandhom jiġu kkomunikati lill-imsemmi Stat Membru, konformement mal-Artikolu 131(4) tar-Regoli tal-Proċedura, applikabbli għall-proċedura tal-appell abbażi tal-Artikolu 190(1) tagħhom, biss il-verżjonijiet mhux kunfidenzjali ta' dawn id-dokumenti li jissemmew fil-punt 12 tad-digriet preżenti.

**Fuq l-ispejjeż**

18 Skont l-Artikolu 137 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, li huwa applikabbli għall-proċedura ta' appell skont l-Artikolu 184(1) ta' dawn ir-regoli, deċiżjoni dwar l-ispejjeż għandha tingħata fis-sentenza jew fid-digriet li jagħlaq is-sentenza.

19 B'hekk, l-ispejjeż marbuta mal-intervent tar-Renju Unit għandhom jiġi rriżervati.

Għal dawn il-motivi, Il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja jordna:

1) **Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq huwa awtorizzat jintervjeni fil-Kawża C-588/16 P insostenn tat-talbiet tal-Kummissjoni Ewropea.**

2) **Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq huwa awtorizzat jippreżenta l-osservazzjonijiet tiegħu waqt is-seduta għas-sottomissjonijiet, jekk din isseħħ.**

3) **Kopja ta' kull dokument fil-proċess ser tiġi nnotifikata lir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mir-Reġistratur, bl-eċċezzjoni tal-verżjonijiet kunfidenzjali tar-rikors tal-appell ta' Generics (UK) Ltd kif ukoll tad-dokumenti li jinsabu fl-Annessi A.2, A.3, A.4, A.7, A.9, A.10 u A.12 ta' dan ir-rikors.**

4) **Verżjoni mhux kunfidenzjali fir-rigward tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq tar-rikors tal-appell ta' Generics (UK) Ltd u tad-dokumenti li jinsabu fl-Annessi A.2, A.3, A.4, A.7, A.9, A.10 u A.12 ta' dan ir-rikors kif ukoll il-verżjoni pubblika, ippubblikata fis-sit Internet tal-Kummissjoni Ewropea, tad-dokument imsemmi fl-Anness A.2 tar-rikorsw imsemmi, ser jiġu nnotifikati lir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mir-Reġistratur.**

5) **Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni fuq it-talba għal trattament kunfidenzjali ppreżentata minn Generics (UK) Ltd f'dak li jikkonċerna l-Annessi A.1, A.5, A.27 u A.32 tar-rikors għal annullament ta' Generics (UK) Ltd quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea, peress li l-Annessi B.1, B.2, B.4, B.10 u B.12 tar-replika tagħha quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea u l-Anness E.4 tal-osservazzjonijiet tal-Kummissjoni Ewropea josservaw miżura istruttorja tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea.**

6) **L-ispejjeż huma rriżervati.**

Firem